Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Paula Ciantar]

vs

-Omissis-

Kumpilazzjoni Numru: 261/2019

Illum, 20 ta' Ottubru, 2023

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra -Omissis- bil-karta tal-identità numru -Omissis- akkuzat talli bejn il-21 t'Ottubru 2011 u t-23 ta' Mejju 2012, fi Triq -Omissis-, -Omissis- u f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li

kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuni ta' taht l-eta' u cioe' hutu -Omissis-, -Omissis-, -Omissis- u -Omissis-, liema reat sar bi vjolenza;

   *Art. 204C(1) u (2) u Art. 208AC tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement gieghel, ghal skopijiet sesswali, persuni ta' taht l-eta' u cioe' hutu -Omissis-, -Omissis-, -Omissis- u -Omissis-, sabiex ikunu prezenti waqt abbuz sesswali jew attivitajiet sesswali, anki jekk dawn il-persuni ma waslux biex kienu mgieghla jiehdu sehem fl-attivitajiet;

   *Art. 204D(b) u Art. 208AC tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement gieghel, ghal skopijiet sesswali, persuni ta' taht l-eta' u cioe' hutu -Omissis-, -Omissis-, -Omissis- u -Omissis-, sabiex jippartecipaw f'imgieba esplicitament sesswali vera jew simulata jew wiri ta' organi sesswali;

   *Art. 204D(c) u Art. 208AC tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'eghmil zieni, ikkorrompa persuni ta' taht l-eta' u cioe' lil hutu -Omissis-, -Omissis-, -Omissis- u -Omissis- meta dawn kienu ghadhom m'ghalqux it-12-il sena;

   *Art. 203(1) u (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuni u cioe' lil hutu -Omissis-, -Omissis-, -Omissis- u -Omissis- kontra l-volonta' taghhom, jew ta l-post biex fih dawn il-persuni jigu arrestati, mizmuma jew issekwestrati, liema delitt sar bhala mezz biex hutu -Omissis-, -Omissis-, -Omissis- u -Omissis- jigu mgieghla jaghmlu xi haga jew joqghodu ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghhom;

   *Art. 86 u 87(1)(c), (g) u (h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija ahwa hutu -Omissis-, -Omissis-, -Omissis- u -Omissis-, u minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-

Ligijiet ta' Malta u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija ahwa -Omissis-, -Omissis-, -Omissis- u -Omissis- ai termini tal-Artikolu 383 et seq. tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet finalment mitluba ukoll sabiex jekk tkun sodisfatta li jkunu saru jew jistghu jsiru arrangamenti ghal trattament, tohrog Ordni ta' Trattament favur -Omissis-.

Il-Qorti giet finalment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmi -Omissis- sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar, 2022 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 18, 204C(1)(2)(a)[1], 208AC(1)(b)(d)(2)(a)(c)[2], u 202(h)(ii)[3] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-artikoli 18, 204D(b)[4], 208AC(1)(b)(d)(2)(a)(c)[5] u 202(h)(ii)[6] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-artikoli 18, 204D(c)[7], 208AC(1)(b)(d)(2)(a)(c)[8] u 202(h)(ii)[9] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-artikoli 18 u 203(1) u dan anke b'referenza ghall-proviso (a) u (c) tal-istess artikolu[10] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Qabel ma dahhlu fis-sehh l-emendi IV.2014.8 u emendi sussegwenti;
[2] Qabel ma dahhlu fis-sehh l-emendi IV.2014.14 u emendi sussegwenti b'dana li ghandha tittiehed in konsiderazzjoni l-emenda LXIV. 2021.17 fir-rigward taz-zieda bi grad/i ghac-cirkostanzi aggravanti;
[3] Qabel ma dahhlu fis-sehh l-emendi IV.2014.4 u emendi sussegwenti;
[4] Qabel ma dahhlu fis-sehh l-emendi IV.2014.9 u emendi sussegwenti;
[5] Qabel ma dahhlu fis-sehh l-emendi IV.2014.14 u emendi sussegwenti b'dana li ghandha tittiehed in konsiderazzjoni l-emenda LXIV.2021.17 fir-rigward taz-zieda bi grad/i ghac-cirkostanzi aggravanti;
[6] Qabel ma dahhlu fis-sehh l-emendi IV.2014.4 u emendi sussegwenti;
[7] Qabel ma dahhlu fis-sehh l-emendi IV.2014.9 u emendi sussegwenti;
[8] Qabel ma dahhlu fis-sehh l-emendi IV.2014.14 u emendi sussegwenti b'dan li ghandha tittiehed in konsiderazzjoni l-emenda LXIV.2021.17 fir-rigward taz-zieda bi grad/i ghac-cirkostanzi aggravanti;
[9] Qabel ma dahhlu fis-sehh l-emendi IV.2014.4 u emendi sussegwenti;
[10] Qabel ma dahhlu fis-sehh l-emendi XXIII.2017.7 u emendi sussegwenti;

5. Fl-artikoli 18, 86, 87(1)(g)(h)[11] u 202(h)(ii)[12] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Fl-artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Fl-artikoli 17, 18, 31, 37, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

## IKKUNSIDRAT

Illi semghet lil **Abigail Grima** li hija social worker mal-Agenzija Appogg u tghid illi hija kienet issegwi lil -Omissis- u -Omissis- imbaghad bdiet issegwi wkoll lil -Omissis- u lil -Omissis-. Tghid illi dan il-kaz beda meta -Omissis- u -Omissis- kienu jirrisjedu

[11] Qabel ma dahhlu fis-sehh l-emendi LII.2020.2 u emendi sussegwenti;
[12] Qabel ma dahhlu fis-sehh l-emendi IV.2014.4 u emendi sussegwenti;

ghand foster carers ghal Gunju 2014 fejn il-foster carer qabdet lil -Omissis- u lil -Omissis- fis-sodda flimkien u tal-ewwel kienet qed tbus il-parti intima tal-ohra. Tghid illi t-tfal sussegwentement taw stqarrija tal-abbuz li kienu sofrew quddiem it-terapista taghhom Stephanie Bartolo.

<u>Graziella Farrugia</u> li hija wkoll social worker fi hdan l-Agenzija Appogg tghid illi hija kienet issegwi l-familja tal-imputat mis-sena 2012 fejn tghid illi l-hajja f'din il-familja ma kienet xejn felici tant illi kellhom johorgu t-tfal mid-dar minhabba abbandun u traskuragni lejn it-tfal iz-zghar partikolarment. Hija pprezentat rapport li gie mmarkat bhala Dok. GF1.

<u>Martina Testa</u> li hija wkoll social worker tghid illi hija giet involuta meta l-foster parent ta' -Omissis- u -Omissis- kienet qabdet lil dawn it-tfal fis-sodda u peress li dawn kienu reticenti hafna li jitkellmu u peress li kien hemm xi hjiel li kien hemm xi abbuz sesswali fil-familja bijologika taghhom hija kienet marret titkellem maghhom. Tghid li -Omissis- ma tantx tkellmet u kulma qalet kienet li bieset sider -Omissis- izda -Omissis- kienet irrakkuntat illi huhom -Omissis- kien ikun fil-kamra tal-banju maghhom. -Omissis- kienet qaltilha wkoll illi -Omissis- kien jghid lil hutu

sabiex joqoghdu wara xulxin f'ringila u jbusu l-parti privata tieghu. Fil-fatt -Omissis- qaltilha li kienet tbus il-parti privata ta' -Omissis- b'idejha filwaqt li -Omissis- kienet tbusha b'xufftejha. Ix-xhud tghid illi hija ltaqghet darba wahda mal-imputat fejn dan kien innega l-allegazzjonijiet taghhom u jghid illi forsi kien hemm il-kaz li bi zball dahlu fuqu fil-kamra tal-banju meta huwa jkun qed jinhasel. Ix-xhud ipprezentat rapport li gie mmarkat bhala Dokument MT1.

Social Worker ohra u cioè **Stephanie Galea** tghid illi hija bdiet issegwi lit-tfal tal-familja -Omissis- mis-sena 2016 u tghid illi -Omissis- kienet stqarret maghha li -Omissis- kien ghamlilha xi affarijiet pastazi izda ma kienet ziedet xejn aktar. Tghid li -Omissis- kienet eskludiet kull tip ta' kuntatt mal-familja bijologika taghha inkluz ma' hutha.

Illi l-espert nominata fl-atti tal-inkjesta **Carmen Sammut** li kienet inkarigata bhala psikologa sabiex tisma' l-verzjonijiet ta' -Omissis- u -Omissis- -Omissis- ikkonfermat ir-rapport taghha a fol. 77 tal-process.

Il-foster parent ta' -Omissis- -Omissis- u cioè <u>Dr Daniela Zerafa</u> kkonfermat illi l-minuri -Omissis- kienet ilha tghix maghhom sa minn meta kellha erba' (4) snin u minn dejjem kienet konsistenti fil-verzjoni taghha a rigward huha -Omissis-. Hija kkonfermat li l-minuri -Omissis- kienet ukoll uriet ix-xewqa li taqta' kull tip ta' relazzjoni mal-familja taghha bijologika. Ikkonfermat ukoll id-darba meta -Omissis- kienet giet tghix maghhom ghaliex ma setghetx tibqa' aktar tghix mal-foster parents li kellha u darba wahda qabdet liz-zewg minuri jkollhom attivitajiet sesswali flimkien. Dawn kellhom sitt (6) snin -Omissis- u disa' (9) snin -Omissis-. Minn hemmhekk bdew l-investigazzjonijiet kontra huhom -Omissis-. Ix-xhud ikkonfermat dokument maghmul minnha dwar l-avvenimenti bhala Dokument DZ1.

<u>Paul Gatt</u> li jigi r-ragel tax-xhud ta' qabel jikkonferma dak li xehdet il-mara tieghu a rigward il-minuri -Omissis- u -Omissis- u jghid illi huwa kellu inkontru mal-imputat fl-iskola tal-Marsa peress li hu ghalliem. Dan jghid illi kien ra lil -Omissis- fil-kuritur jaqbad ras tifel u jpoggihielu bejn saqajh. Jghid illi dan -Omissis- kien imur rari l-iskola.

Il-psikologa **Stephanie Bartolo** kkonfermat rapport a fol. 40 et seq. tal-process (Dok. PC3) u tghid illi hija kienet prezenti meta -Omissis- u -Omissis- kienu taw id-*disclosure* ta' x'kien jigri fil-familja ma' huhom -Omissis- u tghid illi biex hargu d-dettalji tal-abbuz sesswali minn huhom damu ftit biex taw id-dettalji.

Xehdet il-minuri **-Omissis-** bis-sistema awdjo-viziva u rrakkontat illi huha -Omissis- kien ilu jabbuza minnha u minn hutha l-ohra minn mindu hi kellha sentejn (2). Tghid illi dan kien igeghelhom ibusulu l-parti tieghu kif ukoll hu kien ibus u jgharrax il-parti taghhom. Tghid illi kien isakkarhom fil-kamra taghhom u l-genituri taghha qatt ma waqqfuh anke meta dawn kienu jibdew jghajjtu. Tghid illi meta kienu jghajjtu -Omissis- kien jitfi s-sigarett fuq gisimhom u jsawwathom. -Omissis- tghid ukoll illi huma ma kienu jiltaqghu ma' hadd minn barra l-familja u ghalhekk qatt ma setghu jirrakkontaw dak li kien qed jigri fil-familja. Hija tghid li l-anqas skola kienu jmorru rarament. Hija tghid illi dan l-abbuz spicca meta hija kienet ser taghlaq erba' (4) snin u xi hadd kien mar jirraporta u gew is-social workers id-dar taghhom u haduhom xi mkien iehor.

Fuq domandi inkontroezami -Omissis- tistqarr li damet bil-harqa sakemm hi kellha sitt (6) snin u cioè wara li kienet telqet mid-dar tal-genituri naturali taghha. Hija mbaghad kienet tarahom permezz ta' *supervised visits* fejn kienu dejjem jghidulha biex terga' tmur tghix maghhom u lill-foster parents ma tghajtilhomx mamà u papà. Tghid illi l-abbuzi minn huha -Omissis- kienu dejjem isiru fil-kamra tal-banju u xi kultant kien isakkar il-kamra u jpoggi c-cavetta wara t-tieqa. Illi dawn l-abbuzi tghid illi kienu jsiru fuqha, -Omissis-, -Omissis- u -Omissis- izda fuq dan tal-ahhar ma tantx kien jaghmel ghax kien ghadu tarbija. Tghid illi hija kienet thoss illi lilha -Omissis- kien jaghmel aktar abbuzi fuqha.

Xehdet il-minuri **<u>-Omissis-</u>** li tghid illi minn meta kellha hames (5) snin kienet tigi abbuzata minn huha -Omissis-. Hija rrakkuntat li kienet tigi abbuzata permezz ta' swat u li kien jahraqha bis-sigaretti. Hija ma elaboratx aktar fuq dan l-allegat abbuz u l-anqas setghet taghraf lil huha meta giet mistoqsija biex taghrfu.

Inkontroezami hija qalet li wara li telqet mid-dar tal-familja bijologika taghha bdiet tkellem psikologa. Minn dakinhar qatt ma rat lil huha -Omissis- aktar. Li baqghet tara biss huma lil hutha -Omissis- u -Omissis-.

**-Omissis-** li tigi wahda mill-ahwa li fid-data tax-xhieda taghha kellha erbatax (14)-il sena tghid illi -Omissis- lilha qatt ma kien ghamlilha xejn anzi kien jilghab maghhom. Tghid li ma tiftakar xejn milli kien jigri fid-dar taghhom il-Hamrun ghaliex kellha biss erba' (4) snin u li qalulha biss kien li -Omissis- kien imiss lil -Omissis-.

Rat illi d-difiza talbet li jithejja *social enquiry report* fuq l-imputat fejn il-Probation Officer hekk imqabbda Maryrose Farrugia fir-rapport taghha mmarkat bhala Dok. MF1 tispjega li l-familja tal-imputat kienet wahda problematika u dan ghaliex il-missier kien ikun vjolenti lejn ommu u ghalhekk il-familja kollha kellhom jghixu ma' din ir-realtà kif ukoll mad-dipressjoni kbira li kienet tesperjenza l-omm u ghalhekk -Omissis- kien jiehu hsieb lil hutu. Tghid illi -Omissis- ma tridx taf b'huha -Omissis- izda mhix tal-istess opinjoni -Omissis-. Tghid ukoll illi -Omissis- beda jpejjep minn meta kellu hmistax (15)-il sena, vizzju li ghadu sal-lum ma jistax jaqta'. Tghid ukoll illi minhabba din is-sitwazzjoni familjari kerha, -Omissis- u hutu l-kbar qatt ma nghataw attenzjoni partikolari mis-social workers ghaliex kienu aktar iffukati fuq l-allegat reat u kienu jaraw lil -Omissis- bhala l-aggressur mhux

vittma. Illi hija tindika pjan ta' kura li tissuggerixxi ghandu jsir fuq l-imputat tkun xi tkun is-sentenza nflitta fuqu u cioè:-

"-*Pjan ta' Kura*

*Mill-indagini li saru waqt il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport jidher li r-reat li qed jigi akkuzat bih -Omissis- allegatament sehh madwar 10 snin ilu, wara li kienet inharget care order fuq it-tfal fis-sena 2012 u sar maghruf madwar tliet snin wara (rapport lill-pulizija f'Lulju, 2015) meta -Omissis- kellu 17-il sena. -Omissis- tressaq quddiem il-Qorti b'dawn l-akkuzi fit-30 ta' April 2019 meta -Omissis- kellu 21 sena. Jidher li minkejja li l-haddiema tas-servizzi socjali ilhom hafna snin involuti fil-familja -Omissis- it-tliet ulied il-kbar fosthom -Omissis- ftit li xejn inghataw servizz u ghajnuna minkejja dawn it-tlieta esperjenzaw is-sitwazzjoni difficli f'din il-familja ghal aktar zmien twil minn huthom izghar minnhom. Minkejja dan kollu, jidher li -Omissis- kien kapaci jimxi b'hajtu, qieghed f'relazzjoni, kif ukoll ghandu karriera mal-Forzi Armati fejn jixtieq javvanza.*

*Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, ghall-benessere ta' -Omissis- stess fejn huwa jistqarr kemm ghaddej minn zmien iebes minhabba dawn l-akkuzi, kif ukoll sabiex jindirizza t-trawma mill-esperjenzi li ghadda minnhom bhala tifel li trabba gewwa familja fejn kien espost ghall-problemi msemmijin qabel f'dan ir-rapport, huwa kkonsidrat li jkun ghaqli li jibbenefika minn kura psikologika."*

Ghad-difiza xehed **-Omissis-** li jigi hu l-kbir tal-imputat fejn spjega illi s-social workers qatt ma taw attenzjoni lilu u lil huh -Omissis- u lil -Omissis- anke jekk huma kienu parti mill-familja u esperjenzaw l-istess affarijiet bhat-tfal iz-zghar. Huwa kkonferma li -Omissis- kien dejjem tifel biezel u jghin lil ommu anke fit-trobbija ta' hutu z-zghar ghaliex hu (ix-xhud) u ohtu -Omissis kienu jahdmu.

**-Omissis-** ikkonfermat li hi qatt ma kellha ghajnuna minghand is-social workers imma tiddeskrivi lilhom bhala *happy kids* li dejjem jiccajtaw u jilghabu. Tghid li huma kienu jghinu fil-familja u jghinu lil huthom fil-homework. Fuq mistoqsija hija tghid illi qatt ma rat lil huha -Omissis- jaghmel xi haga mhix f'postha fuq hutha.

**IKKUNSIDRAT**

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-familja tal-imputat kienet wahda problematika hafna u ghalhekk din il-Qorti ser tqis kull dettall li hareg mill-atti processwali sabiex tasal ghal gudizzju taghha.

Illi importanti huma l-ewwel stqarrijiet li taw -Omissis- u -Omissis- fuq is-sitwazzjoni taghhom liema verzjonijiet; dik ta' -Omissis-; giet distorta ftit jista' jkun forsi minhabba l-fatt illi kien ghadda xi ftit ta' zmien meta din il-Qorti giet assenjata dawn il-proceduri u ghalhekk semghet lill-minuri inkwistjoni. Ta' min jinnota illi l-minuri -Omissis- kellha sitt (6) snin meta tat il-verzjoni taghha l-ewwel darba u l-minuri -Omissis- kellha ghaxar (10) snin. Illi l-verzjoni ta' -Omissis- baqghet wahda dejjem konsistenti izda dik ta' -Omissis- qisha kienet wahda pjuttost fuggeska tant li qisha riedet tinsa dak li kien gralha fil-passat.

Illi kif digà nghad, il-verzjoni ta' -Omissis- baqghet wahda l-istess ghal meta giet quddiem il-Qorti izda dik ta' -Omissis- li nghatat fil-prezenza tal-haddiema socjali nkarigata mill-*Looked After Children* Abigail Grima nhar il-hmistax (15) ta' Settembru 2015

kienet pjuttost differenti minn dik il-verzjoni li nghatat quddiem il-Qorti. Din a fol. 37 tghid hekk:

*" . . . -Omissis- - Isu kien joqghod jaghti lil huti u lili daqqiet, jwegghana bid-daqqiet ta' ponn. Kien iwegghana hafna. Konna nibzghu minnu. Kien jdejjaqna lili, u lil huti zghar, -Omissis- u -Omissis-. . . . .*

*T. -Omissis- kien jaghtini hafna daqqiet. Jwegghana u jsawwatna. Ma niftakarx. Kien jahsilna wkoll. Il-mama u papa kienu jafu ghax anki quddiemhom kien jaghtina, il-mama kienet tipprova twaqqfu, imma kien ikompli. Kien jaqleb l-affarijiet attaposta u jghidilna nigbruhomlu. Kien jdejjaqna kuljum. Kien jbezzghana ghax jaghtina daqqiet. Darba gie habib tieghu d-dar, kien isawwatna u kien rah isawwatna lil -Omissis-, kien ipoggina fuq is-sufan u jghatina aktar daqqiet. Ma niftakarx x'kien jismghu. -Omissis- kien joqghod ipejjep. Ma nixtieqx nghid aktar, nixtieq ninsa dak li gara. Nak li kien hazin. Kien jigri ta' spiss. Lili lil -Omissis- l-iktar. Fuq -Omissis- ma nafx. Wahdu kien ikun. Konna inkunu id-dar, isu fejn il-kcina. Konna nkunu wahidna mieghu, ma kien ikun hemm hadd*

*id-dar hlief il-mummy fil-kamra tas-sodda. Kienet tistrih ftit. Nhossni skomda u mdejqa. Gieli tkellimt ma Stephanie fuqhom l-affarijiet pastazi. Nhossni skomda ma Stephanie nitkellem. Isna friends. Nipreferi nitkellem maghha minflok mal-Pulizija.*

*M.* ***Kif thossok kif nitkellmu fuq dawn l-affarijiet?***

*T. Mdejqa u nibza. Ghax naf li kienu pastazi.*

***M. -Omissis- gieli ghamel affarijiet pastazi mieghek u -Omissis- meta kontu zghar?***

*T. Iva gieli ghamel. Konna niddejqu, kont nibzgha. Nitkellem ma Stephanie, ma nhossnix komda nitkellem ma xi hadd gdid.*

***M. Xi tghidli fuq il-papa -Omissis-?***

*T. Il-papa kien isawwat lil mummy. Kien immur il-kazin minflok jghatiha l-money lil mummy. Mummy kienet tispicca bla flus u jkollna noqghodu bil-guh. Id-daddy kien jahbihom fil-bwiet tal-gakketti l-flus u l-mummy kienet tmur tfittex halli tixtrilna. Ghalhekk kien isawwata.*

***M. Xi tghidli fuq il-mama -Omissis-?***

*T. Kienet thobbna.*

***M. -Omissis- u -Omissis- jidhlu fl-istorja tal-affarijiet pastazi?***

*T. Le ghax -Omissis- diga kienet tmur ghand in-nanna. -Omissis- kien ghadu zghir.*

***M. Mel u Sage kienu jafu b'dak li kien qieghed jigri?***

*T. Ma nafx. Konna nkunu wahidna. Kienet xi haga kerha din.*

***M. Kif thossok lejn -Omissis- llum il-gurnata?***

*T. Sewwa. Nahfirlu ta' dak li ghamel avolja kienu pastazi.*

***M. Gieli ghamilt xi pastazati ma' -Omissis-?***

*T. Darba."*

Aktar tard, meta giet mitkellma quddiem il-psikologa Stephanie Bartolo, -Omissis- elaborat aktar fuq x'tip ta' pastazati kien jaghmel -Omissis- fuqha u fuq ohtha -Omissis-. Din tirrakonta fuq meta kien jahraqhom bis-sigaretti fuq gisimhom. Kien

ibezzaghhom, isakkarhom fil-kamra tal-banju u kien iweggaghhom fil-partijiet intimi. Tkompli tghid ukoll (fol. 41) *"kien juza saqajh, idejh. Kien iwegghana. Qed niddejjaq nghid l-affarijiet l-ohra. Kien jaraxilna l-body part (t'isfel), jbus il-body part ta' -Omissis-, lili le, u kien isakkarna u jahbi ic-cavetta. Il-papa u mama kienu jafu, kienu jippruvaw jghidulu jieqaf u xorta kien jibqa sejjer, kemm bid-daqqiet u anki bil-pastazati. Lil -Omissis- liktar mbad lili u qabel marret ghand in-nanniet lil -Omissis- wkoll. Konna nikbu ghax jaghtina daqqiet u konna nwegghu, ghax ma konniex nobduh minhabba pastazati. Kien jsakkarna biex ma jisimghuhx il-mama u papa. Il-Mama kienet tkun qeghdha tonxor u tahsel, imma kienet tisma' kollox. Il-mama konna ghednilha u kienet tiprova twaqqfu, imma hu xorta kien jkompli. Gieli kien jghidilna nmorru fis-sodda u nghamlulu massage. Gieli kien jinza panty u jurina l-parti tieghu."*

F'dan il-kuntest u fl-ambitu tal-kredibilità ta' testimonjanzi ta' minuri f'kazijiet ta' abbuzi qed jigi kkwotat artikolu mill-pjattaforma onlajn **HEINONLINE** ppublikat fit-18 ta' Gunju 2022 li fih jigi kkwotat estensivament pubblikazzjonijiet ta' Albany Law Review tal-1993 fejn anke jekk fil-kaz odjern meta tat it-testimonjanza -Omissis- din kienet kibret però xorta pertinenti

ghal ezami tal-verzjoni tal-fatti minnha maghmula tul iz-zmien li dejjem baqghu konsistenti. Huwa ovvju u hareg mill-atti illi a rigward ohtha -Omissis- din riedet tinsa' l-avvenimenti li graw lilha wara t-trapass taz-zmien izda importanti l-ewwel verzjoni li tat (*vide wkoll xhieda ta' Stephanie Borg Bartolo fuq il-karattru ta' -Omissis-)*. Illi f'dan l-artikolu ntqal is-segwenti:

> *"In the context of sexual abuse cases, evidence shows that while children are capable of experiencing sexual fantasies, those fantasies usually have some basis in an actual experience. If a child describes a sexual experience in detail, it is unlikely the child has created a fantasy: "When a 5-year-old provides a clear-cut verbal description, dramatic enactment, or pictorial representation of an erect, discharging penis, or of vaginal or anal penetration, it is unlikely that such a memory has been spontaneously invented. Children are generally not capable of simulating such an event unless they have experienced it.*
>
> *Nurcombe illustrates this concept with the account of a young boy: Demonstrating what his mother had done to him, a 7-year old boy of borderline intelligence placed the*

*head of a female doll over the genitals of an anatomically explicit male doll, giggled conspiratorially, and made eager rhythmic movements and sounds. After placing a pencil in such a way that it protruded horizontally from the crotch of a male doll, he rammed the pencil point-first into the hindparts of a female doll, representing, thus, what he alleged he saw his father to do [sic] a female cousin.*

*According to Nurcombe's theory, a child of this age is unlikely to have created this "fantasy" because the description was simply too dramatic and detailed to be within the scope of a seven year old's imagination."*

Rat id-dokumenti pprezentati mill-Ispettur Paula Ciantar fl-inkjesta Magisterjali a fol. 43 et seq., li gew sussegwentement ikkonfermati bil-gurament minn Daniela Zerafa fejn l-ewwel dokument hija ittra ta' mahfra lill-foster parent ta' -Omissis- li kienet ghamlet pastazati ma' -Omissis- u t-tieni dokument hija ittra lil ohtha -Omissis- fejn hija cara li xtaqet tibqa' maghha u mal-foster parents ta' -Omissis-. It-tielet (3) dokument hu serje ta' ritratti mehudin mill-istess Daniela Zerafa ezatt wara li marret tghix maghhom fis-sena 2012 fejn jidhru serje ta' marki cirkolari

zghar qishom harqiet ta' sigaretti fuq il-gisem tal-istess. Dan jikkorrabora dak li stqarru l-minuri -Omissis- u -Omissis- fuq li -Omissis- kien jahraqhom bis-sigaretti. Ir-raba' (4) dokument huwa certifikat ta' specjalista tal-ghajnejn fuq il-kundzzjoni ta' -Omissis- izda li qatt ma gie kkorroborat jew ikkonfermat f'dawn il-proceduri.

Illi signifikanti u krucjali hija t-testimonjanza tal-istess Daniela Zerafa li hija wkoll social worker, quddiem il-Magistrat Inkwirenti (fol. 60 et seq.) meta tirrakkonta certi aneddoti li kienu jindikaw abbuz sesswali minn meta -Omissis- marret tghix maghhom. Hija tghid illi l-ewwel ma rat kienu dawk il-marki fuq gisem it-tifla fejn mill-ewwel -Omissis- kienet qaltilha li kien ghamilhomlha -Omissis- bis-sigaretti. Wara gew iccertifikati mill-pedjatra Dr Mariella Mangion li x'aktarx hekk kienu (ara paragrafu ta' qabel). Haga ohra tghid illi peress illi -Omissis- kienet damet hafna bin-nappy darba wahda nehhitielha u l-minuri qaltilha biex tarxilha l-parti taghha kif kien jaghmlilha -Omissis- bhal li kieku kienet xi haga normali u abitwali. Sena wara regghet qaltilha biex tbusilha l-parti taghha wkoll bhal ma kien jaghmlilha -Omissis-. Issemmi wkoll li -Omissis- ma riditx tmur skola fejn kien hemm tfal subien. Tghid illi wara sentejn li -Omissis- kienet maghhom kienu qeghdin

jippruvaw igibu wkoll lil -Omissis- li kienet qed tghix Ghawdex u meta darba wahda gabuha fil-villeggjatura taghhom f'Ghawdex gara xi haga inkwetanti li kompliet tikkonferma d-dubju taghha rigward l-abbuz. Hija tghid illi sabet liz-zewg minuri -Omissis- u -Omissis- fis-sodda taht il-friex u sabet lil wahda b'rasha mal-parti privata tal-ohra u t-tnejn kienu minghajr hwejjeg. Hija tghid li f'dak il-kuntest -Omissis- kienet stqarret maghha kollox x'kien jaghmlilhom -Omissis- ezatt kif stqarret quddiem Stephanie Borg Bartolo.

Rat ukoll ir-rapport tal-espert nominata fl-inkjesta u cioè **Dr Carmen Sammut** li fil-konkluzjonijiet taghha hija tghid:

> *"Wara l-ftit hin li kelli ma' dawn iz-zewg minuri, fl-opinjoni professjonali tieghi bhala psikologa klinika, nemmen li dak li huma rrakkontaw jirrifletti xi aspetti tal-hajja taghhom kif huma jiftakru jghexuhom meta kienu d-dar tal-familja taghhom. Avolja jidher li hemm ftit diskrepanzi bejn dak li ddeskriviet wahda u dak li ddeskriviet l-ohra, jidher li hemm possibilita' kbira li dak li gara sehh fuq medda ta' zmien, u allura jista' jkun li d-dettalji setghu kienu differenti ghal okkazjonijiet differenti. Dawn kienu tfal*

*zghar dak iz-zmien li jidher li dak li rrakontaw sehh, u -Omissis- kienet verament zghira, u allura dan jista' jaffettwa dak li wiehed jiftakar. Jidher ukoll li dak li sehh lil wahda minnhom u dak li sehh lill-ohra kien differenti, f'okkazjonijiet differenti, allura f'postijiet fid-dar differenti, ghax hekk jidher li gie implikat fir-rakkonti taghhom, u allura wiehed jistenna varjazzjonijiet meta jkun hemm iktar minn incident wiehed. Nikkonkludi billi nghid li dehru genwini f'dak li bdew jirrakontaw, ma deherx li kien hemm xi gwadann ghalihom jekk huma jivvintaw xi storja li ma gratx, u allura nemmen li dak li gie rakkontat jirrifletti xi aspetti mill-grajjiet reali li huma ghaddew minnu".*

Illi fuq dan l-aspett ta' varjazzjonijiet fuq il-verzjonijiet taz-zewg minuri tapplika dak li qalet il-**Corte di Cassazione Taljana** (SEZ. III PENALE - 07 settembre 2022 N. 32865) li ssib applikazzjoni perfetta ghal kaz de quo u fejn id-decizjoni tal-ewwel Qorti li kkundannat lill-imputat fuq stupru u korruzzjoni ta' minorenni giet ikkonfermata u fejn din tghid is-segwenti:

*“4.2. La sentenza impugnata espone gli elementi e le ragioni fondanti il suo giudizio di attendibilità del racconto della persona offesa, sulla cui base ha ritenuto provati i fatti indicati nell'imputazione.*

*Appare utile premettere che, come analiticamente precisato nella sentenza di primo grado, secondo il racconto della persona offesa, l'imputato ha agito ripetutamente nel tempo, e, segnatamente, ha: -) toccato i genitali della minore penetrandone la vagina con le dita; -) compiuto atti di masturbazione davanti alla stessa; -) costretto la vittima a masturbarlo; -) costretto la minore a praticare sesso orale; -) posto, in almeno due occasioni, il proprio pene a contatto con la vagina della persona offesa, simulando una penetrazione.*

*La Corte d'appello, in particolare, evidenzia che la persona offesa: -) ha iniziato a raccontare delle violenze subite ai suoi compagni di classe e poi ad una insegnante, la quale aveva informato i vertici dell'istituto, a loro volta autori della denuncia ai Carabinieri; -) è stata esaminata anche nel corso delle indagini sugli episodi in esame dai*

*Carabinieri con l'ausilio di una psicologa, e, ciononostante, non gli è stata effettuata alcuna contestazione; -) ha sempre manifestato grande difficoltà emotiva a rievocare e narrare delle violenze subite; -) ha manifestato più volte intenti autolesivi, ritenuti "di natura inequivocabilmente post-traumatica".*

*Rappresenta, poi, che le imprecisioni della persona offesa in ordine alla collocazione temporale dei fatti ed alla loro frequenza sono del tutto marginali, perchè non attengono alla ricostruzione del loro contenuto, e possono trovare spiegazione nell'età della minore, nel tempo trascorso e nella valenza traumatica degli episodi.*

*Osserva, quindi, che il racconto della vittima relativo ai movimenti compiuti dall'imputato nel toccarle i genitali e nel penetrarla non può essere frutto della sua fantasia, anche perchè non è coerente con le competenze della sua età e denota esperienza diretta, e non è incompatibile con le problematiche sessuali dell'uomo, siccome queste non gli impediscono una breve erezione.*

*Aggiunge, ancora, che le dichiarazioni accusatorie della persona offesa non possono ritenersi determinate, o, meglio, "sovraccaricate", da sentimenti di odio nei confronti dell'imputato, sia perchè questa ipotesi non ha trovato alcun riscontro, sia perchè la descrizione delle esperienze sessuali risulta altamente precisa e realistica, anche in considerazione dell'età della ragazza, sia perchè anche l'assistente sociale O. ha riferito come la minore non ha mai riferito la sua avversione nei confronti dell'uomo a cause diverse dalle violenze subite.*

*Rappresenta, infine, che: -) la mancanza di riscontri sul cellulare dell'imputato è spiegabile con la circostanza per cui questi potrebbe ben aver "ripulito" la memoria dell'apparecchio, anche perchè informato dell'andamento delle indagini prima di essere arrestato, tanto da essersi presentato spontaneamente dai Carabinieri prima della emissione della misura cautelare; -) la mancanza di annotazioni sul diario della vittima può trovare ragione nel desiderio di evitare di mettere a conoscenza dei fatti la madre.. . .*

*4.3. Le conclusioni della sentenza impugnata in ordine all'attendibilità delle dichiarazioni della persona offesa, ed alla loro idoneità a fondare il giudizio di responsabilità dell'attuale ricorrente per i fatti al medesimo contestati sono immuni da vizi.*

*Il giudizio di positiva attendibilità delle dichiarazioni della minore, infatti, è stato espresso all'esito di un'analitica disamina delle stesse e di tutti gli elementi acquisiti al processo, sulla base di massime di esperienza sicuramente accettabili. Del resto, non sono emerse incompatibilità del racconto con elementi oggettivi, e l'imputato ha ammesso, sia pur solo parzialmente, di aver compiuto in più occasioni atti sessuali con la vittima, all'epoca sicuramente in tenera età e comunque infraquattordicenne.*

*5. Infondate sono le censure proposte nell'ottavo motivo, che contestano il diniego dell'attenuante della minore gravità del fatto, deducendo l'impropria valorizzazione della pluralità degli episodi, da ritenere non più di quattro. Secondo la giurisprudenza, ai fini della configurabilità della circostanza attenuante del fatto di minore gravità, prevista*

*dall'art. 609-bis, comma 3, c.p., deve farsi riferimento ad una valutazione globale del fatto, nella quale assumono rilievo i mezzi, le modalità esecutive, il grado di coartazione esercitato sulla vittima, le condizioni fisiche e mentali di questa, le caratteristiche psicologiche valutate in relazione all'età, in modo da accertare che la libertà sessuale non sia stata compressa in maniera grave e che non sia stato arrecato alla vittima un danno grave, anche in termini psichici (cfr., per tutte, Sez. 3, n. 50336 del 10/10/2019, L., Rv. 277615-01).*

*La sentenza impugnata ha escluso l'attenuante del fatto di minore gravità valorizzando, in particolare, la reiterazione degli abusi nel tempo.*

*La conclusione indicata è corretta, sia perchè gli episodi sono molteplici, sia perchè dai fatti come ricostruiti in sentenza emergono molteplici connotazioni negative degli stessi, in particolare per l'invasività e per le conseguenze psichiche prodotte e che hanno spinto la vittima a compiere in più occasioni atti autolesivi."*

## IKKUNSIDRAT

Illi din il-Qorti tikkunsidra l-verzjoni tal-minuri -Omissis- u -Omissis- bhala wahda veritjiera tal-fatti hekk kif graw u tali verzjonijiet jippuntaw ghal direzzjoni wahda u ghal persuna wahda – dik tal-imputat. Illi l-fatt li seta' kien hemm persuni ohra prezenti bhal omm l-imputat jew forsi xi ahwa akbar ma jippreokkupax lill-Qorti fuq il-kredibilità ta' dawn il-verzjonijiet u dan ghaliex kif hareg mill-atti, omm l-imputat kellha dipressjoni qawwija tul dak iz-zmien meta sehh l-abbuz u hutu l-kbar kienu kollha ghaddejjin b'hajjithom jahdmu jew mal-gharajjes rispettivi u ghalhekk it-testimonjanza ta' dawn tal-ahhar ma ssib l-ebda rilevanza materjali. Illi a rigward il-missier hareg illi dan kien ikun ix-xoghol jew il-kazin kif ukoll kien vjolenti lejn l-omm u ghalhekk qatt ma ta' kaz lil uliedu.

Illi ta' min jinghad però illi a rigward il-minuri -Omissis- u -Omissis- ma hareg xejn tangibbli li din il-Qorti tkun moralment u legalment konvinta li dawn l-atti sesswali saru wkoll fil-konfront taghhom.

Illi l-imputat, kif ghandu kull dritt li jaghmel, ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u ghalhekk din il-Qorti ma setghetx tevalwa l-verzjoni tieghu u l-profil psikologiku tieghu mhuwiex maghruf.

## IKKUNSIDRAT

Illi -Omissis- qed jigi akkuzat bl-akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni sancit mill-Artikolu 203(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif kien vigenti qabel l-emenda tal-Att XIII tal-2018, dan l-Artikolu kien jghid is-segwenti:

> *"Kull min, b'eghmil zieni, jikkorrompi persuna ta' taht l-età, tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha:".*

Illi fin-noti tieghu dwar id-dritt penali, il-**Professur Mamo** jelenka l-elementi legali rikjesti sabiex tirnexxi dina l-azzjoni penali. Fi kliemu jghid illi dana r-reat: *"deals with those lustful acts not consisting in carnal knowledge or attempted carnal knowledge with violence, whether actual or constructive, committed on the person or in the presence of any individual, whether male or female, and*

*capable of defiling such individual."* Kwindi l-ewwel element rikjest hija l-età tal-allegat vittma li per forza trid tkun minorenni; it-tieni element imbaghad, jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat u cioè l-eghmil zieni. *"Lewd conduct is any unlawful act committed by an individual with the purpose of arousing the libido or sexual interest of themselves or the person towards whom this action is directed."* Il-Professur Mamo jkompli jghid li *"this expression does not include mere words, or any picture, book or representation, though obscene, or other indecent facts which affect only the moral sense. These do not constitute the crime in question. It is required that the defilment be by lewd acts, which acts must be committed either on the person of the minor or at least in his presence"*. Isostni wkoll illi: "*to take a different view would be to ignore the obvious spirit of the law in creating the crime, that is the desire to protect youth from the pernicious effects of moral defilment and, therefore also from all those acts, which, although they take place without physical contacts, are nevertheless inherently intended to defile."* Il-Professur Mamo jiddeskrivi dawn l-atti bhala: *"inclusive of all acts directed to the indulgence of the sexual apetite."*

Fl-ahharnett it-tielet (3) element rikjest huwa l-att tal-korruzzjoni. Ghalkemm kien hemm guristi li ma qablux dwar il-fatt jekk minuri

li digà huwa korrott jistax ikun soggett ghal korruzzjoni u kwindi jistax jaqa' vittma ta' dana r-reat, madanakollu l-qrati taghna dejjem sahqu illi l-fatt illi minuri jkun digà gie soggett ghal korruzzjoni ma jeskludix il-kummissjoni ta' dana r-reat fil-konfront tieghu (ghalkemm mhux dan hu l-kaz in ezami). Ghal dak li jirrigwarda mbaghad il-mens rea rikjesta ghal kummissjoni tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni il-Professur Mamo huwa tal-fehma illi ma hijiex necessarja xi intenzjoni specifika wara l-kummissjoni ta' dana r-reat: *"The defilment whether intended or not, must be considered as a necessary consequence of the lewd acts themselves, leaving it in every case to those who are to judge to determine whether they were calculated to defile."*

Illi certament ma jonqosx illi din il-Qorti f'dan il-kuntest tikkwota l-kaz per eccellenza ta' dan ir-reat deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali u cioè **Il-Pulizija vs Thomas Wiffen**, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, per Prim Imhallef Dr Vincent De Geatano fejn gie deciz:

> *"Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini,*

*V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.*

*'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts."*

Illi kif digà gie amplifikat aktar 'il fuq f'din is-sentenza gie ppruvat illi l-atti tal-korruzzjoni fuq il-minuri -Omissis- u -Omissis- saru fuq perjodu twil tant illi dan gie manifestat ukoll fil-komportament

tal-istess minuri fuq xulxin u li tali atti hallew impatt kemm fiziku kif ukoll psikologiku fuq l-istess minuri. Illi l-istess atti sesswali bejn xulxin ta' età tant tenera kien bizzejjed sabiex ikun hemm suspett ta' xi abbuz imbaghad bil-konfessjoni tal-istess minuri tal-atti li kien jaghmel huhom -Omissis- fuqhom tikkonkretizza l-atti ta' abbuz fuqhom. Illi l-aspett temporali huwa ppruvat ghal fatt illi l-minuri jghidu li dawn l-atti kienu jigru hafna drabi tul perjodu ta' zmien konducibbli ghaz-zmien tal-akkuzi u ghalhekk l-element ta' kontinwazzjoni wkoll qed jigi ppruvat.

Illi l-imputat qed jigi wkoll akkuzat taht l-Artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li fiz-zmien meta twettaq l-allegat reat kien jghid hekk:

> *"Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija sa sentejn . . . .".*

Illi minghajr ma toqghod tidhol f'aktar gurisprudenza jinghad illi l-atti maghmula mill-imputat versu hutu -Omissis- u -Omissis- jinkwadraw fid-definizzjoni ta' attivitajiet sesswali stante illi kienu atti li jinvolvu l-organi sesswali tal-partijiet. Ghalhekk dan ir-reat

gie ppruvat. Dak li ma giex ippruvat però l-arrest illegali kontemplat bl-Artikolu 86 u 87 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex ghalkemm il-minuri jsemmu li l-imputat kien isakkar il-kamra tal-banju u jahbi c-cavetta wara t-tieqa, dan ma kienx rakkont car hafna li din il-Qorti tkun moralment u legalment konvinta oltre d-dubju dettat mil-ligi li verament kien isakkarhom fil-kamra.

Illi l-akkuzi l-ohra kollha jinkwadraw fl-ambitu ta' attivitajiet sesswali ghaliex saru fuq minuri u fil-prezenza tal-minuri -Omissis- u -Omissis- ghaliex kif inghad digà ma hemmx certezza li saru fuq il-minuri l-ohra elenkati fl-akkuzi.

Illi ghandu jinghad ukoll illi l-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju taghha li biha elenkati l-Artikoli tal-Ligi li ghandhom japplikaw f'kaz ta' sejbien ta' htija elenkat ukoll aggravji li gew fis-sehh wara l-kommissjoni tar-reat li sar fl-2012. Illi din il-Qorti qed taghmilha cara li mhijiex ser tapplika dawn il-provvedimenti u dan fuq il-principju tal-aktar piena favorevoli ghall-imputat ghandha tigi applikata.

<u>**PIENA**</u>

Illi ghalkemm ma hemmx dubju a rigward il-htija fuq l-imputat ta' xi whud mill-akkuzi, din il-Qorti ghamlet analizi approfondita a rigward il-piena li ghandha tigi erogata. Illi din il-Qorti hija konxja tal-fatt illi l-familja tal-imputat kienet wahda problematika u li hu kellu jiehu hsieb xi whud minn hutu, izda konxja tal-fatt ukoll illi huwa ttradixxa d-dover li kellu versu hutu u minflok ha hsiebhom ikkorrompihom bl-aktar mod ikrah li l-minuri setghu jkollhom. Illi l-Qorti hadet konjizzjoni tar-rapport tal-ufficjal tal-Probation izda fl-ebda istanza ta' dan ir-rapport ma johrog xi sentiment min-naha tal-imputat (ghalkemm kellu d-dritt tas-silenzju) ta' xi emozzjoni jew rimors min-naha tieghu u ma harigx bl-ebda mod assolut ir-raguni ghaliex l-imputat agixxa b'dak il-mod. Ghal dawn il-motivi l-piena ser tkun wahda ta' prigunerija effettiva tenut kont però tal-aspett riformattiv u hija riflessa tal-pieni li kienu vigenti fiz-zmien meta r-reati gew kommessi.

Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-opinjoni li filwaqt li ghandha tirrakkomanda lill-awtoritajiet relattivi sabiex l-imputat jinghata l-opportunità mehtiega sabiex isegwi terapija necessarja skont kif indikat l-Ufficjal tal-Probation, ghandha xorta wahda tigi imposta piena ta' karcerazzjoni effettiva. Fuq kollox kif inghad fis-sentenza tal-Appell Kriminali (Inferjuri) per Imhallef Edwina Grima fil-kawza

bl-ismijiet **Pulizija v. Paschalino Cefai** (dec. 29/11/18) fejn kien qed jigi kkwotat is-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene' sive Nazzareno Micallef** (28/11/2006):

*"Ta' spiss gie osservat minn din il-Qorti, kemm fil-gurisdizzjoni taghha superjuri kif ukoll dik inferjuri, li fuq appell mill-piena hija bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija - cioe` din il-Qorti - kienet taghti fic-cirkostanzi rizultanti kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "wrong in principle" jew "manifestly excessive"*

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir- riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas- socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk*

*barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.".*

L-istess Qorti tal-Appell fil-kawza ta' Cefai tkompli billi tghid is-segwenti:

*"Illi l-artikolu 142(1) tal- Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:*

*(a) the punishment of offenders;*

*(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence);*

*(c) the reform and rehabilitation of offenders;*

*(d) the protection of the public;*

*(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence."*

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 204C(1), 208AC(1)(b)(d) (2)(a)(c), 204D(b), 204D(c), 203(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat -Omissis- hati tal-akkuzi wiehed (1), tnejn (2), tlieta (3) u erbgha (4) tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghal tliet (3) snin u disa' (9) xhur prigunerija filwaqt li tilliberah mill-hames (5) akkuza fuq nuqqas ta' provi. Il-Qorti wkoll tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' sentejn (2) liema Ordni ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundanna lill-imputat ghall-ispejjez peritali naxxenti minn dawn il-proceduri li jammontaw ghal hames mija, tnejn u erbghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€542.54).

Illi sabiex tigi protetta l-identità tal-vittmi l-Qorti tordna d-divjett ta' isem l-imputat u l-isem tal-istess vittmi kif ukoll dettalji li permezz taghhom huma jistghu jigu identifikati fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Finalment u a bazi tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li isem l-imputat -Omissis- jitpogga fir-Registru mwaqqaf a bazi ta'

dan l-Att u konsegwentement tordna kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati ghall-annotazzjoni necessarja.

-------------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**